MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1283/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Giuseppe Abela**

**Kumpilazzjoni Numru 1283/2009**

**Illum 18 ta' Ottubru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Abela, ta' 47 sena, bin George u Nazzarena nee' Abela, imwieled Zejtun fid-09 ta' Settembru, 1962 u joqghod fil-fond ' Villa Rosa', Triq il-Labour, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita numru 568962 (M).

Akkuzat talli f'Novembru 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-socjeta' *Newco Steel Ltd*, ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu tas-socjeta *Newco Steel Ltd*, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A et sequitor billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Mejju, 2009.

U aktar talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Mejju, 2009.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 18 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat, wara l-qari tac-citazzjoni kif korretta, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-peina l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u minn-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-fatt li huwa issa hallas l-ammont kollu dovut lill-parte leza. Hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi allarmanti.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jirriforma ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja effettiva pero f'l-istess hin trid taghmilha cara ma'l-imputat li jekk huwa ma jaghrafx jirriabilita ruhu huwa ser ikollu jirrispondi ghar-reati odjerni u anke ghal dawk li ghalihom inghata sentenza sospieza fil-11 ta' Mejju 2009.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'referenza ghas-sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-11 ta' Mejju 2009, li permezz taghha l-imputat kien gie ikkundannat sitt xhur prigunerija sospiezi ghal tlett snin, qed testendi il-perjodu operattiv ta' din l-imsemmija sentenza ghal tlett (3) snin ohra mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------